TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

**Sarah Maree Zammit**

**Vs**

**Forestals Appliances Ltd**

**CCT 151/25/MM**

**Illum, 28 ta' Lulju 2026**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż tat-talba ppreżentat mir-rikorrenti Sarah Maree Zammit fid-19 ta' Awwissu 2025, permezz ta' liema talbet il-ħlas tas-somma ta' sitt elef disa' mija u ħamsa u disgħin ewro (€6,995), rappreżentanti danni allegatament ikkaġunati fil-kċina tagħha wara li l-pajp tal-iskular tal-magna tal-ħasil tal-platti ma ġiex imqabbad kif suppost waqt l-installazzjoni;

Ra r-risposta tal-intimata, permezz ta' liema ġew imressqa numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom l-ewwel erba' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari dwar l-identità tal-parti intimata u dwar jekk l-entità indikata fl-avviż tat-talba hijiex il-leġittimu kontradittur;

Ra l-lista tax-xhieda ppreżentata mis-soċjeta' intimata;

Ra d-dokument tal-bejgħ esebit mir-rikorrenti u mmarkat bħala Dok. SMZ1, li minnu jirriżulta illi l-ordni relattiva għall-appliances inkwistjoni kienet maħruġa minn FM Distribution Limited;

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2026, li permezz tiegħu, fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preliminari, it-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi u ddifferixxa l-kawża għall-provi u għat-trattazzjoni dwar dawk l-eċċezzjonijiet;

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2026, li fiha xehdet bil-ġurament ir-rikorrenti, ġie esebit id-dokument SMZ1, saret talba sabiex l-isem tal-intimata jiġi korrett għal FM Distribution Limited (C 31255), u l-partijiet ittrattaw dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari, wara liema l-kawża tħalliet għas-sentenza preliminari;
Ra l-atti kollha tal-kawża;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidra**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-intimata ssostni illi l-avviż tat-talba ġie indirizzat kontra "Directors + Anabelle Forestals Ltd Group of Companies", filwaqt li fl-avviż tas-smigħ ġiet indikata "Forestals Appliances Limited", u għalhekk tqajjem dubju dwar min effettivament ġie mħarrek mir-rikorrenti.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni, l-intimata ssostni illi d-"Directors + Anabelle", safejn dawn jistgħu jitqiesu bħala intimati, ma ġewx identifikati kif suppost u, fi kwalunkwe każ, ma humiex il-leġittimi kontradittturi tar-rikorrenti.

Permezz tat-tielet eċċezzjoni ġie eċċepit illi "Forestals Ltd Group of Companies", jew "Forestals Group of Companies Limited", ma hijiex entità ġuridika eżistenti u għalhekk ma tistax tkun parti f'dawn il-proċeduri.

Permezz tar-raba' eċċezzjoni, imressqa subordinatament għall-ewwel tliet eċċezzjonijiet, l-intimata ssostni illi Forestals Appliances Limited ma hijiex il-leġittimu kontradittur tat-talba u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

It-Tribunal ser jiddeċiedi dawn l-eċċezzjonijiet flimkien, billi huma lkoll marbuta mal-identifikazzjoni tal-operatur kummerċjali li kontrih ir-rikorrenti riedet tressaq it-talba tagħha u mal-possibbiltà li ssir il-korrezzjoni mitluba fl-isem tal-intimata.

**1.Dwar il-kliem "Directors + Anabelle"**

It-Tribunal jibda billi josserva illi avviż ta' talba quddiem dan it-Tribunal jitfassal fuq formola maħsuba sabiex tkun tista' timtela direttament minn konsumatur, mingħajr il-ħtieġa ta' assistenza legali.

Fil-parti tal-formola fejn għandu jiġi identifikat il-konvenut, il-konsumatur huwa mitlub jipprovdi mhux biss l-isem tal-persuna jew tal-entità li kontriha ssir it-talba, iżda wkoll l-indirizz, in-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku u informazzjoni oħra li permezz tagħha dik il-persuna jew entità tkun tista' tiġi identifikata u notifikata.

Meta l-formola ppreżentata mir-rikorrenti tinqara fit-totalità tagħha, u mhux billi jinqata' kliem partikolari mill-kuntest li fih inkiteb, jirriżulta b'mod ċar illi l-kliem "Directors + Anabelle" ma kienx intiż sabiex ir-rikorrenti tħarrek lid-diretturi tal-kumpannija jew lil Anabelle fil-kapaċità personali tagħhom.

Dan il-kliem ġie indikat bħala parti mid-dettalji tal-kuntatt u tan-notifika tal-operatur kummerċjali magħruf mir-rikorrenti bl-isem "Forestals". Ma hemm ebda talba personali kontra

xi direttur jew impjegat, ma hemm ebda fatt allegat kontra dawn il-persuni fil-kapaċità individwali tagħhom, u lanqas ma ntalab li huma jiġu kkundannati personalment għall-ħlas tad-danni pretiżi.

Għaldaqstant, l-avviż tat-talba ma jistax raġonevolment jiġi interpretat fis-sens illi "Directors + Anabelle" kienu qegħdin jiġu msejħa bħala intimati separati fil-kawża iżda li tali kawża kienet qegħda tinġieb għall-attenzjoni tagħhom.
Konsegwentement, l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, safejn huma bbażati fuq din l-interpretazzjoni tal-avviż tat-talba, ma jistgħux jintlaqgħu.

**2.L-identità kummerċjali ta' "Forestals"**

Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti marret f'ħanut li kien jippreżenta ruħu lill-pubbliku taħt l-isem kummerċjali Forestals, u minn hemm xtrat l-appliances li jifformaw is-suġġett tal-kawża.

Illi huwa għalhekk kredibbli u raġonevoli illi, bħala konsumatur ordinarju, ir-rikorrenti kienet taħt l-impressjoni ġenwina illi l-kumpannija li magħha kienet ikkuntrattat kienet kumpannija li kellha l-isem "Forestals" fid-denominazzjoni tagħha.

Illi konsumatur li jidħol f'negozju li jippreżenta ruħu b'isem kummerċjali partikolari ma jistax jiġi mistenni neċessarjament li jkun jaf id-distinzjonijiet korporattivi interni bejn kumpannija waħda u oħra fl-istess struttura jew grupp kummerċjali, speċjalment fejn dawn id-distinzjonijiet ma jkunux immedjatament ċari mill-mod kif il-ħanut jippreżenta ruħu lill-pubbliku.

Illi l-identità ġuridika preċiża tal-operatur li joħroġ il-fattura jew l-ordni tal-bejgħ hija informazzjoni li, bħala regola, tkun fil-pussess u taħt il-kontroll tal-kummerċjant. Għaldaqstant, żball ġenwin tal-konsumatur fl-isem korporattiv tal-operatur ma għandux, fih innifsu, iġib fix-xejn it-talba tiegħu fejn l-operazzjoni kummerċjali tkun identifikabbli u l-parti li għandha interess fil-kontestazzjoni tkun taf sew dwar liema transazzjoni tkun qed issir il-kawża.

Illi f'dan il-każ, mid-dokument SMZ1 jirriżulta illi l-ordni tal-bejgħ kienet maħruġa minn FM Distribution Limited. Ir-rikorrenti għalhekk talbet illi l-isem tal-intimata jiġi korrett sabiex jirrifletti l-isem tal-kumpannija li jidher fuq id-dokument kontrattwali.

Il-liġi applikabbli għall-korrezzjoni hija l-Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jagħti lill-ġudikatur is-setgħa li jordna jew jippermetti korrezzjonijiet fl-atti ġudizzjarji, inkluż fir-rigward tal-isem jew tal-kwalità tal-partijiet, sakemm b'dik il-korrezzjoni ma tinbidilx is-sustanza tal-azzjoni jew tad-difiża fuq il-mertu.

Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tiġi interpretata b'mod formalistiku jew restrittiv sal-punt li żball ġenwin fl-isem ta' parti, li ma jbiddel xejn mill-mertu tal-kontestazzjoni, iwassal għall-waqgħa tal-proċeduri u għall-ħtieġa li l-istess kawża terġa' tiġi istitwita mill-bidu.

Illi fil-kawża **Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007, Appell Ċivili 1511/2001/1 ġie riaffermat illi l-fakultà taħt l-Artikolu 175 għandha tingħata interpretazzjoni li tippermetti l-korrezzjoni ta' żbalji ġenwini, basta ma jkunx qiegħed jinbidel il-mertu jew tiġi kkawżata ħsara sostantiva lid-difiża tal-kontroparti. Il-Qorti qalet hekk: *"Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diga` kellha l-opportunita` tispjega illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validita` ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk iwarrab il-possibilita` ta' multiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wiesghin hafna lill-Qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti. Din id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza" **(Salem Nuri Razzewi v. il-P.L. M. Mifsud Bonnici**, deciza fis-27 ta' Frar 2004, Citazzjoni Nru. 55/89). F'kelma wahda l-Qorti tista' u ghandha tawtorizza korrezzjonijiet meta dawn ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti. Gie infatti deciz fid-digriet moghti fil-kawza fl-ismijiet **D. Zerafa et v. Carmelo Buhagiar et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Lulju, 2000 illi l-provvedimenti ta' l-artikolu in kwistjoni ghandhom jinghataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesa' u fejn hu opportun u permess mil-ligi ghandhom jigu dejjem awtorizzati anke korrezzjonijiet fl-okkju. Din id-disposizzjoni tal-ligi giet introdotta bl-Att XXIX tal-1995 (li ssostitwixxa d-disposizzjoni precedenti) b'mod li issa l-korrezzjonijiet li jistghu jsiru huma hafna aktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995. Dan sar bl-iskop li l-ligi tigi reza aktar effikaci u mmirata lejn gustizzja sostantiva fuq il-meritu tal-kaz, minflok li tkun imxekkla minn formalizmu u rigorozita` esagerata fil-procedura. In effett, il-promulgazzjoni ta' dawn l-emendi "issanaw il-posizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sotantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizazzjoni ta' l-istess (Ara* ***Guillaumier Industries Limited v. Reginald Fava et*** *deciza millPrim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 1998).*

Dan l-insenjament ġie segwit ukoll fil-kawża **Paul Abela et vs Busietta Gardens Madliena Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 2004; u **Diane Schembri et vs Alfred Schembri & Sons Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015. Illi ukoll fil-kawża **Chadborn Holdings Limited vs Tipico Co. Ltd u Oliver Voigt**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, preseduta mill-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, fil-11 ta' Marzu 2020, il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fid-dettalji tal-kumpannija attriċi wara li qieset illi mill-kuntratt esebit kienet diġà tirriżulta l-identità korretta tagħha, illi l-azzjoni u d-difiżi kienu ser jibqgħu identiċi, u illi l-korrezzjoni ma kienet ser tikkawża ebda preġudizzju sostantiv lill-partijiet.

Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta illi l-kriterju determinanti mhuwiex is-sempliċi fatt illi tkun intalbet bidla fid-denominazzjoni ta' parti, iżda jekk il-korrezzjoni tkunx ser tbiddel is-sustanza

tal-kontestazzjoni, tintroduċi azzjoni differenti, jew tippreġudika b'mod konkret il-jedd tal-kontroparti li tiddefendi ruħha.

Barra minn hekk, l-Artikolu 23(3) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jinqara fid-dawl tan-natura speċjalizzata u aċċessibbli ta' dan it-Tribunal. Il-proċedura quddiem it-Tribunal hija maħsuba sabiex konsumatur ikun jista' jressaq it-talba tiegħu b'mod sempliċi, mingħajr ma jkun penalizzat għal nuqqasijiet tekniċi li ma jippreġudikawx il-ġustizzja sostantiva bejn il-partijiet.

Illi dan ma jfissirx li t-Tribunal jista' jinjora l-personalità ġuridika distinta tal-kumpanniji jew jissostitwixxi arbitrarjament parti b'oħra. Ifisser iżda illi, meta jirriżulta li kien hemm żball ġenwin fl-identifikazzjoni korporattiva tal-istess operatur kummerċjali li l-konsumatur kellu l-intenzjoni li jħarrek, it-Tribunal għandu jeżamina jekk il-korrezzjoni tbiddilx is-sustanza tal-kawża jew tikkawżax preġudizzju reali lill-parti li għandha tiddefendiha.
Għalhekk, il-kwistjoni determinanti ma hijiex biss jekk "Forestals Appliances Limited" u "FM Distribution Limited" humiex żewġ persuni ġuridiċi distinti. Il-kwistjoni hija jekk, fiċ-ċirkostanzi konkreti ta' din il-kawża, il-korrezzjoni mitluba:

i)tbiddilx il-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba;
ii)tintroduċix causa petendi ġdida;
iii)tbiddilx it-talba għall-ħlas magħmula mir-rikorrenti;
iv)taqbadx lill-parti intimata għal għarrieda;
v)iċċaħħadx lill-parti li għandha twieġeb minn xi difiża effettiva fuq il-mertu.

It-Tribunal iqis illi dawn il-mistoqsijiet għandhom jingħataw risposta fin-negattiv.
Il-korrezzjoni mitluba ma tbiddel xejn mill-identità tat-transazzjoni li dwarha qed issir il-kawża. It-talba tibqa' tirrigwarda l-istess appliances, mixtrija permezz tal-istess ordni, installati fl-istess fond, fl-istess data u fl-istess ċirkostanzi. L-allegazzjoni tibqa' dik illi l-pajp tal-iskular tal-magna tal-ħasil tal-platti ma ġiex imqabbad u li minħabba dan ġarrbet ħsara l-kċina tar-rikorrenti.

Illa la l-ammont pretiż, la n-natura tad-danni allegati u lanqas il-bażi fattwali jew ġuridika tat-talba ma huma qegħdin jinbidlu.

It-Tribunal iqis ukoll bħala partikolarment rilevanti l-kontenut tal-lista tax-xhieda ppreżentata mill-intimata. Fil-paragrafu ħamsa ta' dik il-lista, l-intimata indikat bħala xhieda: *"Periti, inġiniera u/jew interior designers li pprovdew servizzi lir-rikorrenti sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawża"* u fil-paragrafu sitta, l-intimata indikat ukoll *"Persuni li eżegwew xogħlu u/jew issupplixxew materjal, għamara u affarijiet oħra fuq ordni u għall-benefiċċju tar-rikorrenti sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawża."* Illi dawn ir-riferimenti ma humiex ġeneriċi jew estranji għall-kontestazzjoni. Huma juru li l-intimata kienet taf eżattament għal liema xogħlijiet, għal liema kċina u għal liema persuni tekniċi kienet qed tirreferi t-talba. Juru wkoll li l-intimata

kienet f'pożizzjoni li tidentifika x-xhieda li jistgħu jixhdu dwar ix-xogħol, l-installazzjoni, il-materjal u d-danni allegati.

Barra minn hekk, fir-risposta tagħha l-intimata ma llimitatx ruħha għall-eċċezzjonijiet dwar l-isem tal-kumpannija. Hija ressqet ukoll difiżi speċifiċi fuq il-mertu, fosthom illi ma ġietx ippruvata n-negliġenza, illi ma ġiex ippruvat in-ness ġuridiku bejn l-aġir allegat u d-danni, u illi l-kwantum tad-danni huwa kkontestat.

Illi minn dan kollu jirriżulta illi l-parti li dehret u rrispondiet għall-kawża kienet taf sew x'inhi l-kontestazzjoni u kienet f'pożizzjoni li tiddefendi l-mertu tagħha.
Għalhekk, ma tressqet ebda prova ta' preġudizzju konkret li jista' jiġi kkawżat bil-korrezzjoni mitluba. Ma ntweriex li minħabba l-korrezzjoni tintilef xi difiża, issir inammissibbli xi prova, jintilef xi dritt proċedurali jew jinbidel b'xi mod il-każ li għandu jiġi mwieġeb.

Il-fatt waħdu li l-isem korporattiv fuq id-dokument tal-bejgħ huwa differenti minn dak oriġinarjament indikat mill-konsumatur ma jikkostitwixxix, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-preġudizzju sostantiv li l-liġi għandha l-għan li tipprevjeni.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrenti, meta indikat "Forestals Appliances Limited", ma kellhiex l-intenzjoni li tagħżel arbitrarjament kumpannija estranja għat-transazzjoni. Hija riedet tħarrek lill-operatur kummerċjali li mingħandu xtrat l-appliances fil-ħanut magħruf u ppreżentat lilha taħt l-isem "Forestals".

L-iżball kien għalhekk wieħed ġenwin fid-denominazzjoni ġuridika tal-operatur kummerċjali li kien involut fit-transazzjoni, u mhux bidla fil-persuna sostantivament responsabbli għall-istess fatti jew tentattiv li tinbeda azzjoni ġdida kontra terz li ma kienx jaf bil-proċeduri.

Il-korrezzjoni għal FM Distribution Limited (C 31255) hija sostnuta mid-dokument tal-bejgħ esebit mir-rikorrenti, ma tbiddel ebda element sostantiv tat-talba u ma tikkawża ebda preġudizzju reali jew irrimedjabbli lid-difiża.

Fid-dawl tan-natura tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, tal-għan tal-liġi li tipprovdi rimedju effettiv u aċċessibbli lill-konsumatur, u tal-prinċipju li l-formaliżmu proċedurali għandu jservi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u mhux ifixkilha mingħajr ġustifikazzjoni, l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda u t-talba għall-korrezzjoni għandha tintlaqa'.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jiċħad:

1. jiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari;

2. jilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-korrezzjoni tal-okkju u tal-atti tal-kawża, u jawtorizza illi l-isem "Forestals Appliances Limited" jiġi sostitwit bl-isem "FM Distribution Limited (C 31255)";

3. jordna illi din il-korrezzjoni ssir fl-okkju u, fejn meħtieġ, fl-atti sussegwenti tal-kawża;

4. jordna illi l-proċeduri jkomplu fuq il-mertu kontra FM Distribution Limited (C 31255), mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet u għad-difiżi tagħha dwar il-mertu tat-talba;

jirriżerva kull deċiżjoni dwar l-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza preliminari għas-sentenza finali.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**